**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 367/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**vs**
**Mohamed Abdulmajed Abungab**
**Ahmed Abdualsalm Alsahly**

**Illum 28 ta' Settembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohamed Abdulmajed Abungab ta' 21 sena, iben Abdulmajed u Aixa nee' Saber, imwieled gewwa l-Libya nhar it-22 ta' Mejju, 1996, residenti gewwa Flat No 4, 'St. Louis', Triq San Lwigi, Msida, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 118037A u ref. com. No. 19190, u

U

Ahmed Abdualsalm Alsahly, ta' 24 sena, iben Abduasalm u Aixa nee' Mohammed Attajeb, imwieled gewwa l-Libya nhar is-6 ta' Dicembru 1992, residenti gewwa Flat No. 4, 'St. Louis', Triq San Lwigi, Msida u detentur tal-Passaport numru 585180

Akkuzati talli nhar it-2 ta' Settembru, 2017 bejn 04:45 hrs u 05:15 hrs minn Triq il-Gogi, Swieqi:

1. Ikkommettew serq ta' tlettin euro fi flus kontanti, zewg credit cards, wallet tad-ditta CK, licenzja tas-sewqan, u zewg karti ta' l-identita' (Portugal u Brazil), liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-vjolenza ghad-dannu ta' Lucas Monson Ferreira u/jew persuna/i ohra;

2. Ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lucas Monson Ferreira, skond kif iccertifikat Dr. Elizabeth Muscat M.D. Med. Reg. No 4148 mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

U fl-ahhar nett nakkuza lil Mohamed Abdulmajed Abungab wahdu:

3. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D. nhar id-19 ta' Novembru, 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar il-11 ta' Gunju 2015, liema sentenza u ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduta datata 3 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', stqarrija ta' Mohamed Abdulmajed Abungab immarkata bhala Dok NS1, stqarrija ta' Ahmed Abdualsalm Alsahly immarkata bhala Dok NS2, current incident report immarkata bhala Dok NS3, fedina penali ta' Ahmed Abdualsalm Alsahly immarkata bhala Dok NS4, fedina penali ta' Mohamed Abdulmajed Abungab immarkata bhala Dok NS5, application of residence receipt ta' Mohamed Abdulmajed Abungab immarkat bhala Dok NS6, certifikat mediku rilaxxat lil Lucas Monson Ferreira mmarkat bhala Dok NS7, fotokopja ta' dokument mahrug mill-Office of the Refugee Commissioner immarkat bhala Dok NS8, fotokopja tal-passaport ta' Ahmed Abdualsalm Alsahly immarkat bhala Dok NS9.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u kif registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-lum.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati.

**Decide:**

**Ghalhekk, il-Qorti, qeghda ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom u, tikkundannahom ghal perjdou ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordnawkoll il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-persuna protetta hija Lucas Monson Ferreira.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**